# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2016**

**Talba Nru: 49/2016 PM1**

**Emanuel Galea (ID 298044(M))**

**Vs**

**Gabriele u Adriana konjugi Scanu u b'digriet moghti mit-Tribunal datat nhar l-Erbgha, disgha (9) ta' Marzu, 2016 isem il-konvenut "Gabriele Scanu" gie sostitwit bl-isem "Roberto Scanu" kemm fl-okkju tal-kawza odjerna u kif ukoll kull fejn jirrikorri fl-odjerni atti processwali**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil- 15 ta' Frar, elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu l-attur ikkontenda li fil-lejl bejn l-4 u l-5 t' April, 2014 huwa garrab dannu fil-workshop tieghu li jinsab sottostanti r-residenza tal-konjugi intimati u liema dannu huwa konsistenti primarjament fit-tixrib ta' ghadd ta' ghamara u/jew injam li kellu

b'mod li dan il-materjal kellu jirrangah jew jissostitwieh ma' iehor gdid u li din il-hsara sehhet tort esklussivament tal-konvenuti u dan meta hareg ammont ta' materjal mis-sistema tad-drenagg taghhom li parzjalment tghaddi mill-fond tal-istess attur u spicca fuq jew madwar l-ghamara/materjal imsemmi u li b'konsegwenza ta' dan l-attur garrab hsarat konsistenti f'sitt mija u hamsa u erbghin euro (€645) ghal materjal li kellu jsewwi jew jissostitwixxi kif ukoll somma ohra ta' mija u tmienja u tmenin euro u tmenin centezmu (€188.80) sabiex inkariga perit jaghmel rapport dwar l-istess kif ukoll sitt euro u disgha u disghin centezmi (€6.99) ghall-kopja tar-rapport tal-Pulizija u kwindi talab li l-intimati jigu kkonundannati jhallsu s-somma ta' tmin mija u erbghin euro u disgha u sebghin centezmi (€840.79) flimkien mal-imghax minn dakinhar li sehh id-dannu u cioe' mill-5 t'April, 2014 bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimati datata 25 ta' Frar, 2016 li permezz taghha eccepew illi fl-ewwel lok l-imsemmi Gabriele Scanu huwa iben il-konjugi Roberto u Adriana Scanu u m'huwiex proprjetarju tal-post u ghandu jigi eskluz mill-proceduri u li, kuntrarjament ghal dak sostnut mill-attur, l-intimati m'humiex responsabbli ghal ebda dannu soffert minnu stante li huwa l-istess attur li wettaq tibdil fis-sistema tad-drenagg minghajr il-kunsens tal-intimati u liema xogholijiet saru mhux skont l-arti u s-sengha u sahansitra minghajr il-kunsens tal-konjugi Scanu intimati, b'rizerva ta' risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri li gewx prezentati.

Ra illi l-attur, in vista tal-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenuti, talab li l-isem "Gabriele Scanu" fl-okkju tal-kawza jigi sostitwit bl-isem "Roberto Scanu" u dan kemm fl-okkju kif ukoll kull fejn jinkorri fl-atti.

Ra illi d-difensur legali tal-intimati ma opponiex ghal tali talba salv illi r-risposta prezentata mill-konvenuta Adriana Scanu jidhol fiha ukoll il-konvenut gdid "Roberto Scanu".

Ra li t-Tribunal laqa't-talba ghall-korrezzjoni kif ukoll verbalizzat fid-9 ta' Marzu, 2016 u li l-partijiet taw ruhhom notifikati bil-korrezzjonijiet relattivi.

Ra li fis-seduta tat-12 t' April, 2016 xehedu

(i) l-attur Emanuel Galea li kkonferma s-segwenti:

Ix-xoghol tieghi huwa dak ta' mastrudaxxa u jiena nahdem il-Marsa, l-post tieghi jigi taht il-post tas-Sinjuri Scanu. L-indirizz huwa fi Qwabar Street. Jiena fil-hamsa (05) t'April tas-sena elfejn u erbatax naf li mort il-hanut, jiena nispjega li l-hanut tieghi ghandu bieb ta' dar dak li nidhol minnu u fih ukoll bieb bil-hgieg fejn nesponi x-xoghol li jkolli lest ghal bejgh. Jiena dak inhar dhalt mill-hanut il-kbir u hemmhekk sibt hafna ilma mal-art, drenagg u hmieg. Cempilt lis-Sinjura Scanu li toqghod fuqi u qaltli li niezla u fil-fatt nizlet. Ahna ghandna sistema ta' drenagg antika u l-katusi tal-konvenuti huma ghaddejjin mill-proprjeta' tieghi. Dawn il-katusi jghaddu minn gewwa. Malli rat hekk qaltli li ma gara xejn, li kienet ser tnaddafli hi izda jiena l-inkwiet tieghi kien rigward ix-xoghol. Staqsejtha jekk hijiex inxurjata pero kienet qaltli li insurance kellha izda li kienet waqfitha. Jiena mbaghad kont cempilt lit-tifel u mort l-Ghassa naghmel rapport, cempilt ukoll lil Perit. Ir-ritratti li esebejt hadhom it-tifel u dawn qeghdin flimkien ma' dawk li ha l-Perit. Jiena naf li cemplet lil tnejn min nies u t-tnejn qalulha li gejjin fis-siegha nghid pero li dawn it-tnejn li gabet ma jifhmux fid-drenagg tant li wiehed gie u telaq il-barra ghax kien zebbiegh u l-iehor suldat u jahdem part time zebbiegh. Wara li telqu dawn it-tnejn jiena kellu numru ta' telefon ta' persuna li jifhem fid-drainage li kont hdimtlu u kont tajthula biex tara jekk tridx igib lilu. Fil-fatt kienu marru ghalih u gie. Dan malli ra hekk fetah il-kaxxa, beda jipprova jdahhal il-vireg izda dawn ma bdewx jippermettulu li jibqa jniffed u kien taqqab min naha ghal ohra tal-katusi peress li ahna d-drenagg taghna qieghed 'Y' kif kien issugerixxa dak li kienet gabet hi precedentement izda xorta b'dan il-mod ma rnexxilux jippermettulu l-vireg li jibqghu ghaddejjin. Gie xi hadd iehor mill-Kazin hdejna u taha numru iehor ta' xi hadd li kien armat iktar minn dak li ssuggerejtilha jiena u fil-fatt dan gie fit-tlieta. Kif kien hemm l-ewwel wiehed u qallu li l-vireg lanqas ghaddew qalilha mal-ewwel li l-medda kienet imnizzla. Jiena nixtieq nghid li l-medda ghadha tac-caqquf izda l-katusi li huma vertikali huma tal-plastik u dawk kont bdilthom jiena wara li nfurmajt lilha peress li ma

stajtx nibqa bid-drenagg mal-hajt. Dawn ilhom tmien snin mibdulin u cioe tmien snin qabel l-incident. Jiena naf ukoll li ftit qabel l-incident ta' fuqi kienu qed jaghmlu xi alterazzjonijiet fil-kamra tal-banju li tghati ghal go din il-katusa. Jiena nixtieq nghid ukoll li minn meta bdilna l-katusa sa meta nqala' l-incident qatt ma nqala' xejn. Jiena dan nafu peress li qeghdin bieb ma' bieb u rajthom hergin bl-affarijiet anke bil-banju biex jintrema u rajthom ukoll gejjin bil-madum il-gdid u bix-shower tray. Ghal go din il-katusa hemm it-toilet kif ukoll zewg pajpijiet li hi tghid li huma tax-shower u tas-sink u cioe tal-konvenuta. Fil-medda kemm ili fil-post jiena cioe tnejn u hamsin sena qatt ma sar xoghol. Nixtieq nghid illi wara dan kien gie wiehed bil-bowser, kien fetah l-ilma fil-katusa u ma bediex jirrispondi gos-suffun izda mbaghad kien qalilha li kien fetahulha naqra biex tinqeda peress li kien hemm il-katusi mnizzlin, issa dan ilu sentejn u minn dak iz-zmien l'hawn ma rega nqala' xejn. Jiena nixtieq nghid li din il-katusa taghmel uzu minnha hi ghax it-toilet tieghi qieghed iktar wara. Jiena wara li qed nara r-ritratti nixtieq nghid li kien hemm iktar xoghol imxarrab imma nehhejna dak li salvajna u dak li ma stajtx inbiddel biddilt. Kien hemm xi kxaxen li kelli nibdilhom ghax intefhu, xkafef u l-bibien iz-zghar. L-istima tal-hsarat jiena nikkonfermaha. Jiena gibt lil Perit biex ghamel rapport li qed narah fil-process a fol 8 tal-process. Ir-ritratti li mhux inkluzi fir-rapport gew mehudha mit-tifel. Mistoqsi in kontro ezami jekk inbidlitx is-sistema ta' kif tinzel il-katusa vertikali jiena nghid li dik ma nbidlitx kull ma nbidel kien illi l-katusa tal-fuhhar inbidlet f'katusa tal-plastik. Jiena nghid li dan ix-xoghol ghamilnieh personalment jiena u t-tifel.

(ii) il-Perit Kenneth Zammit Hanrich li kkonferma s-segwenti:

Ix-xhud spjega dak li hu mnizzel fir-rapport u kkonfermah. Mistoqsi in kontro ezami jekk jiena dhaltx ghand l-attur u jiena nghid li ma jidhirliex li dhalt u r-ritratti kif murija a fol 9 tal-process jiena ma rajthomx anzi ma rajtx il-post. Jiena nixtieq nispecifika li qatt ma ghidt li ma hemmx gulley peress li minn barra ma jidhirx jekk hemmx gulley jew le u jiena ma dhaltx pero spjegajt li ma baqghax

kif kien qabel u cioe kif gie spjegat illi kien qabel. Jiena ma stajtx nikkonstata s-sistema kemm hi antika o meno.

(iii) iben l-attur Christopher Galea li kkonferma s-segwenti:

Mela, jiena nigi t-tifel ta' Emanuel Galea u nikkonferma li r-ritratti hadthom jiena f'April tas-sena elfejn u erbatax (2014) u liema ritratti qeghdin minn fol 13 sa fol 20 tal-process. Jiena meta mort fuq il-post sibt problemi kbar peress illi kien far id-drenagg u kien hemm xoghol ta' missieri li kellu johrog il-gimgha ta' wara u li minhabba f'hekk lanqas ittiehed dan ix-xoghol. Jiena naf li konna biddilna l-katusa vertikali peress li bil-wear and tear bdiet taghmel l-ilma u nghid li ahna ma konna missejna xejn hlief il-katusa vertikali u dawk il-katusi kollha li kienu gejjin minn fuq ma ntmissewx u baqghu kif kienu. Il-katusa bdiltha ghaxar snin ilu. Jiena biddilt biss dak li kien jidher u mill-art ma missejt xejn. Qed nigi mistoqsi in kontro ezami jekk hemmx gulley nghid li gulley kien hemm u ghad hemm. Mistoqsi jekk kienx f'pozizzjoni differenti nghid li kien harrira differenti peress li l-gulley tal-fuhhar kien ikbar u bis-sistema li hawn illum prezenti ma hemmx bzonn dak il-kobor u twahhlet is-sistema ovjament il-gdida. Mistoqsi jekk mill-gulley tistax tinduna li hemm sadd u l-fatt li ccaqalqet il-gulley allura tnaqqas l-access biex ma jigriex dak li gara jiena nixtieq nghid li mill-gulley ma tindunax jekk hemmx sadd sakemm ma jkollokx sistema ta' cameras.

(iv) il-Perit John Attard li kkonferma s-segwenti:

Jiena kien avicinani s-Sur Galea biex naghmel inspection fil-post tieghu peress li kien hemm xi hsarat. Jiena nikkonferma r-rapport li ghamilt jiena u l-kontenut tieghu. Mistoqsi mit-Tribunal jekk nistax nghid l-izbruffar mil-liema katusa kien gej u cioe kienx mill-medda jew mill-katusa vertikali nghid illi jiena ma mortx fil-gurnata ta' meta kien hemm l-izbroff izda meta kien hemm l-ilma mal-art u ghalhekk ma nistax nghid minn fejn kien gej l-izbroff. Mistoqsi jekk il-medda hiex midfuna fl-art nghid li iva midfuna fl-art u tidher biss dik vertikali izda mal-medda hemm katusa ohra ftit iktar il-gewwa li tohrog u tista tintuza biex titnaddaf

il-medda liema sieq hija tiela minn gol-art. Mistoqsi direttament mit-Tribunal jekk il-katusa li hierga minn mal-art u cioe li tintuza biex tkun tista titnaddaf il-medda jekk jiena sibtiex bil-cover jiena meta mort din kienet minghajr cover. Jiena skont ir-rapport kont prezenti fuq il-post fil-hamsa (05) t'April. Jidhirli li l-incident kien sar jaf bih is-Sur Galea l-gurnata ta' qabel. Ir-ritratti juru s-sistema u fuq din is-sistema jiena nghid li min naha tas-sanita' din mhux sistema accettabli peress li ghad hemm katusi mikxufa fuq in-naha ta' gewwa izda bhala parts u gulley li ntuzaw dawn huma normali. Mistoqsi in kontro ezami dwar din is-sieq li hierga minn mal-medda nghid li din ma kelliex ghatu izda kellha njama. Mistoqsi direttament mit-Tribunal dwar din l-injama li kienet fuq din il-katusa nghid li kienet bicca folja madwar pied fil-kobor u kienet impoggija fuq il-katusa. Mistoqsi in kontro ezami jekk il-gulley jaghmilx aktar sens illi jkun fuq in-naha ta' barra jiena nghid li jaghmel iktar sens kieku kien fuq in-naha ta' barra. Mistoqsi in ri ezami jekk jiena ccekkjajtx x'uzu ghandna din il-fergha li qed nghid kienet moghtija bl-injama nghid li ma vverifikajtx dwar l-uzu ta' din il-katusa. Qed nigi mistoqsi in ri ezami jekk il-gulley li hemm mas-saqaf jaqdiex is-sistema, jaqdiex il-funzjoni tieghu fis-sistema nghid illi iva. Jiena ma nistax nghid kif kienu l-katusi fis-sistema l-antika u cioe qabel inbidlu. Jiena nikkonferma wkoll l-ircevuta li hrigt jiena dwar il-hlas tas-Sur Galea.

(v) Joseph Pace li kkonferma s-segwenti:

Jiena li nista nikkonferma li kienu cempluli biex immur niftah il-katusi u kont ghidtilhom jekk jigux ghalija, fil-fatt kienu gew ghalija u mort u bdejt indahhal il-qasab izda dan ma stajtx nifthu u domt kwazi gurnata. Mela, jiena bdejt nghidilhom biex jifthu l-ilma izda l-ilma xorta baqa' xejn bilmod. Jiena mbaghad tlaqt l'hemm u ma nafx x'gara izjed.

(vi) Jason Vella li kkonferma s-segwenti:

Jiena nigi sid il-post minn fejn jikri l-attur u niftakar li madwar sentejn ilu kien kellimni Emanuel Galea peress li kienet sbruffat xi katusa. Jiena kont mort fuq il-post biex nara x'gara u niftakar li kien hemm xi affarijiet kien hemm xi kaxxi li xxarbilhom il-qiegh, kien hemm xi bicciet tal-injam u kartun izda ma niftakarx x'kien hemm ezatt fil-post. Jiena naf li xi darba kont tkellimt mal-konvenuta biex isiru s-sistema l-gdida u biex isir suffun ghaliha izda dak iz-zmien dak ma sehhx u sallum ma nafx jekk saritx din il-bicca xoghol pero ma nistax nghix fiz-zgur.

(vii) Rega xehed Emanuel Galea li kkonferma s-segwenti:

Jiena nixtieq nikkoregi x-xhieda tas-Sur Joseph Pace fis-sens li mhux qala' l-gebla u sab minn fejn jghaddi bil-qasab izda jiena tajthom apparat biex ikissru ftit il-katusa biex ikun jista jghaddi bil-qasab. Jiena nikkonferma li meta hadt il-post b'kirja kien hemm toilet taht il-katusa li niezla bid-dritt minghand il-konvenuti u dan it-toilet bil-permess tas-sid jiena nehhejtu.

(viii) Alfred Scerri li kkonferma s-segwenti:

Jiena nixtieq nghid li jiena nigi missier Adriana Scanu u jiena mort kemm il-darba ghand it-tifla tieghi, naf il-post u naf b'dawn il-problemi li nqalghu. Jiena dawn ma nsejhilhom problemi izda naf zgur illi anzi din il-problema nqalghat meta t-tifla tieghi kienet flimkien mar-ragel taghha Sardenia meta nqalghu dawn il-katusi minn isfel u cioe l-katusa d-dritta. Mistoqsi direttament mit-Tribunal jiena dan kif nafu jiena nghid li fil-hanut t'isfel inzilt kemm il-darba wkoll. Nispjega li meta wiehed jipprova jfiehem il-gulley kif kienet qabel ma nbidlet u saret tal-plastik din kienet tghati bix-xoffa fuq il-hajt kif jidher a fol 9 tal-process u kienet ixaqleb ukoll ftit il-barra biex kemm il-darba jkun hemm xi sad u jfur allura dan jizbroffa barra u mhux jinzel fil-hanut izda meta saret din l-alterazzjoni u x-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha l-katusa l-gulley saret kollha fuq gewwa ma xxaqleb fuq imkien u resqet ukoll minn fejn kienet originarjament b'hekk b'rizultat ta' hekk kemm il-darba jkun hemm xi sadd allura ser jizbroffa direttament fil-hanut. S'issa ma nqala' xejn izda dan jaf jinstadd. Mistoqsi jekk jiena mortx fuq il-post meta

gara l-izbruffar jiena nghid li mort fuq il-post u rajt x'kien gara u nghid li gara tort tax-xoghol hazin illi kien sar. Mistoqsi in kontro ezami jekk it-tifla tieghi qatx tat kunsens lill-attur biex jibdel dawn il-katusi jiena nghid li kunsens qatt ma tghatu u x-xoghol sar minn wara darha. Mistoqsi in kontro ezami kemm ilni li sirt naf li nbidlet il-katusa jiena nghid li sirt naf meta kien ghajjatli u gara l-incident.

(ix) Adriana Scanu li kkonfermat is-segwenti:

Jiena nixtieq nghid illi l-post kont xtrajtu fin-ninteen ninety three (1993) u dak iz-zmien il-katusi kienu kif (….) il-katusi baqghu kif xtrajthom. Wara xi zmien jiena kont imsiefra u meta gejt lura kien avvicinani s-Sur Galea fejn qalli li kien hemm xi spejjez peress li bidel il-katusi. Jiena ghidtlu li dawn kienu l-katusi tieghi u la ma kontx tajtu permess biex jibdilhom allura ma kellix inhallas spejjez taghhom. Jiena nixtieq nghid illi b'dan it-tibdil biddel affarijiet fis-sistema tad-drenagg u kien ghalhekk li nholqot din il-problema. Meta biddel il-faccata u biddel il-gulley ta' gewwa liema gulley kien ixaqleb ghal barra allura nholqot din il-problema. Qed nigi murija r-ritratt a fol 9 tal-process u nghid li minn dik it-toqba li jidher li diehel id-dawl minnha kien jidher il-gulley u kien jidher qisu qasrija. Matul iz-zmien kemm ilni nghix fil-post dan huwa l-uniku ncident li gara. Jiena nixtieq nispjega li fiz-zmien kien hemm tapp fejn is-Sur Pace qal illi kisser jiena nghid li kieku thalla dan it-tapp mis-Sur Galea allura s-Sur Pace ma kienx ikollu ghalfejn ikisser il-katusa. It-tapp gie mnehhi meta sar it-tibdil fil-faccata mis-Sur Galea. Dan it-tapp jiena naf bih personalment u nghid illi kont rajtu. Mistoqsija in kontro ezami jekk meta saru dawn it-tibdiliet kienx hemm xi hsara jew xi ncident iehor nghid illi le. Mistoqsija in kontro ezami biex nikkonferma jekk jiena rajtux nghid illi rajtu u kien vizibbli ma tistax ma tarahx. In kontro ezami qed nigi mistoqsi jekk jiena kontx qed naghmel xi tibdiliet fil-kamra tal-banju u jiena dan nikkonfermah u nghid illi biddilt il-banju izda mill-katusi jiena ma biddilt xejn. Mistoqsija in kontro ezami kemm ilu li ghamel il-faccata peress li jiena qed nibqa ninsisti li dan it-tap nehhieh mal-faccata nghid illi ma nistax nghid kemm ilu li ghamilha pero zgur ma ilhux sentejn jew izjed. Mistoqsi x'qed jaghti ghal din il-

gulley nghid li hemm il-banju, t-toilet u s-sink. Jiena wara li grat l-istorja kont pruvajt li naghmel spuction ghalija izda kien hemm problemi ghax ma setawx isibu l-katusa tal-main u fil-fatt ghadha sal-gurnata tallum ma saritx. Nikkonferma li din il-bicca tax-xoghol pruvajt naghmilha wara li gara l-incident.

Ra li fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2016 xehedu

(i) Emanuel Galea li kkonferma s-segwenti:

Jiena qed nipprezenta ricevuta li qed nimmarka bhala GE1 u jiena nixtieq nispjega li din l-ircevuta u nghid li l-karta miktuba bl-idejn hija miktuba mis-supplier u jigifieri meta jiena nkun ghamilt l-ordni jikteb xi jkolli bzonn imbaghad tohrog l-ircevuta fiskali li qeghda mqabbda maghha. Jiena nispjega li hawnhekk hawn ghaxar folji tal-Maple li dawk intuzaw nikkalkula li wzajt daqshekk biex ghamilt ix-xoghol li ghalih qed naghmel referenza li fih hsara minn barra dawk ikun fih ukoll folji li jkunu tal-eight li jkunu irqaq u ghalhekk jintuzaw ghal qieghan tal-kxaxen u postijiet li jirrikjedu l-irquqija u jkun hemm ukoll postijiet fit-truf li jirrikjedu li jintuza njam u hemmhekk jiena nuza l-fagu. Biex nispjega l-ammont tat-two three two (232) fir-ricevuta GE1 jiena nghid li hemm miktub ghaxar folji ta' tlett kwarti, tlett folji tal-eight li huma rqaq u hemm ukoll xi affarijiet ohra bhal cappetti li nkun xrajt dak inhar. Jiena qed nigi muri fol 7 tal-process u nispjega li l-ewwel zewg items indikati huma ghal xkafef u kxaxen li nkun ghamilt. Dawn l-affarijiet li semmejt ghadhom ghandi l-hanut bil-hsara peress li ntefhu. Ir-raba entrata nista nghid ukoll li dak li stajna nirrangaw irrangajnieh izda dawn il-partijiet li ma stajtx insalva gew sostitwiti. Jiena nixtieq nghid ukoll li kelli erbgha u ghoxrin bieba li jiena kelli nqaxxar tmienja minnhom peress li xxarbu u gew kuntatt mal-ghactu (sic) tal-materjal li hareg mill-katusa u dawn kelli nqaxxarhom u nerga nisprejhom u dan kif jidher fit-tielet item. L-ahhar item kien zewg flash doors li xxarbu min-naha ta' taht u kelli nibdel partijiet minnhom. Dan kollu jidher fir-ritratti li prezentajt. Jiena nixtieq nispjega li meta jiena semmejt is-somma jiena nkludejt ukoll il-hela ta' hin u x-xoghol tieghi peress li biex naghmel kexxun kelli narma gwardarobba ta' ghaxar piedi. Jiena qed nigi muri d-dokument a fol 7 tal-process u meta mistoqsi mit-Tribunal sabiex nghid

mill-ammonti mitluba kemm nikkalkula li hemm materjal u kemm nikkalkula li hemm xoghol jiena nikkalkula li fuq l-ewwel zewg ammonti u cioe l-ammonti ta' two two four (224) u two zero eight (208) nikkalkula li hemm mija u hamsin ewro (€150) li huwa xoghol tieghi. Fir-rigward ta' solid wood doors li l-ammont huwa ta' one three six (136) jiena nikkalkula li sittin ewro minnhom huma xoghol tieghi u fir-rigward tal-wardrobe partitions minn tnejn u hamsin (52) ghoxrin ewro (€20) huma xoghol tieghi. Fl-ahhar oggett imsemmi s-solid wood internal doors jiena nikkalkula li hemmhekk nizzilt madwar ghaxar ewro (€10) li huma xoghol tieghi. Nixtieq nipprezenta zewg ritratti li qed jigu mmarkati bhala dok GE2 liema ritratt in-naha t'isfel juri dik li l-ahhar darba rreferejna ghaliha bhala zennuna fil-katusa u li normalment it-Tribunal rrefera ghaliha li jkollha tapp jiena hawnhekk qed nipprezenta ritratt fejn juri li fil-fatt din iz-zennuna kellha tapp u kienet maghluqa. Mistoqsi direttament mit-Tribunal jekk nistax nghid li fil-verita' minn fejn kien l-izbruffar jiena nghid li jiena ma nistax nghid u lanqas il-Perit. L-unika haga li hemm mikxufa u li seta' hareg minnha hija l-gulley li hemm fil-parti ta' fuq tal-katusa. Jiena nghid l-opinjoni tieghi li la xxarrab it-tapp allura l-hmieg nizel minn fuq. Jiena nixtieq nispjega li t-tapp kien jinzamm dejjem maghluq minn nineteen eighty (1980). Jiena qed nigi mistoqsi in kontro ezami jekk dan ir-ritratt ittiehidx qabel, dak inhar jew wara nispjega li dak ir-ritratt ittiehed dak inhar u nispjega wkoll li jidher il-kulur u li huwa hmieg li kien zbroffa dejjem skont ma qed nispjega jiena. Fl-opinjoni tieghi l-hmieg hareg min-naha ta' fuq u cioe mill-gulley. Kif diga ghidt dik hija l-unika parti miftuha. Jiena nixtieq nispjega li t-tapp ghadu hemm sallum u fuqu hemm hmieg li hareg mill-katusa. Dak inhar li sar l-izbroff fuqu rajt hmieg tad-drenagg.

(ii) Ivan Silvio li kkonferma s-segwenti:

Jiena nixtieq nispjega li jiena kont mort ghamilt inspection fil-hmistax (15) t'April u t-Tribunal gibed l-attenzjoni li dan jigi ghaxart ijiem wara li gara l-kas u meta mort jiena ma rajt l-ebda ilma mill-katusi hiereg ghal ghand is-Sur Galea. Jiena ghamilt inspection ma sibt xejn hazin u ma rajt l-ebda materjal hiereg.

> Apparti minn dan is-Sur Galea baqa' jinsisti anke wara z-zjara tieghi li baqa' hiereg l-ilma minn gol-katusa min-naha ta' fuq u kienu marru Superjuri tieghi fuq il-post u s-Superjuri tieghi fil-fatt kienu marru fid-disgha u ghoxrin (29) tal-istess xahar u cioe t'April. L-istess is-Superjuri tieghi ma sabu xejn hazin u l-ebda ilma hiereg mill-katusa. Dawn kienu l-ilmenti li waslu fin-naha taghna. Fl-inspection taghna ahna nkunu rajna l-istat ta' fatt ta' dak inhar u ma nkunux dhalna f'xogholijiet u affarijiet ohra. Mistoqsi jekk qalulix jew sirt naf bhala fatt li saru xi xogholijiet rimedjali min-naha tal-persuni li jirrisjedu fuq u cioe mill-konvenuti jiena nghid li ghaddew sentejn ma niftakarx u notament fuq dan m'ghandix..

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Gunju, 2016 xehed Peter Camilleri li kkonferma s-segwenti:

> B'referenza ghal document 52 u 53 tal-process ix-xhud qed jigi mistoqsi jekk jaghrafx dan id-dokument bhala ricevuta mahruga mill-kumpanija tieghu u jiddikjara bil-gurament tieghu li jarafha li harget mill-kumpanija tieghu. Il-kumpanija hija PCS Limited u tbiegh u taghmel negozju t'injam u dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-injam. Lill-attur Emanuel Galea jiena naghrfu bhala klijent taghna.

Ra d-dokumenti, inkluzi ricevuti, ritratti u rapporti peritali ezebiti mill-partijiet rispettivi.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet rispettivi (fol. 72 et seq u fol. 83 et. seq tal-process).

Ra illi permezz tal-verbal datat 12 t'Ottubru, 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-kaz odjern jirrigwardja azzjoni ghall-kumpens ta' danni allegatament sofferti mill-attur wara zbroff ta' ilma u drenagg minn katusi li jinsabu ghaddejjin fil-fond tieghu imma li jservu lill-fond sovrastanti proprjeta' tal-intimati.

Illi min-naha taghhom, permezz tar-risposta taghhom, l-intimati jikkontendu biss li huma m'humiex responsabbli ghal kwalunkwe hsara sofferta mill-istess attur u f'tali kuntest jirreferu ghall-fatt illi l-istess attur wettaq xogholijiet f'tali katusi u li kienu tali xogholijiet li wasslu sabiex l-istess attur isofri l-hsara lamentata minnu.

Illi mill-aspett prettament legali jinghad li, kif desunt mill-Artikolu 1030 tal-**Kodici Civili**, "*kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b' dak l-uzu*". Inversament, skond l-Artikolu 1031 "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" filwaqt li, skont l-art. 1032: "*Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prundenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" (enfazi mizjuda).

Illi ulterjorment jinsab deciz ukoll li:

> *"Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. Huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u nstallazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u l-boghod minn kull logika tad-dover primarju tad-diligenza. Il-Kodici Civili Taljan jikkontjeni fl-Artikolu 2051 tieghu disposizzjoni espressa li tghid li "ciascuno e` responsabile del*

*danno cagionato della cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito". Dan id-dispost gie spjegat mill-Qorti tal-Kassazzjoni illi "in tema di danni cagionato da cose in custodia, l-Articolo 2051 non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso causale fra cose in custodia e danno, ossia di dimostrare che l'evento si e` prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito" (Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 2075)."* (**Giovanni u Emily konjugi Vella vs Michael Cilia** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-23 ta' Gunju, 2004 – enfazi mizjuda).

*"Fil-kawza fl-ismijiet Giuseppe Spiteri vs Alexander Camilleri deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' April 1937 [Vol. XXIX.i.937] gie ssottolinejat:- "mill-banda l-ohra huwa assodat fid-dottrina u accettat fil-ligi taghna illi d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li jkunu gejjin mid-delitti jew kwazi hija dik tal-persuna medja, cjoe' d-diligenza ordinarja; "la media del dovere non e' la previdenza della quale e' capace un dato individuo, ma e' quella commune di un uomo prudente" (Cogliolo – Colpa Aquiliana, scritti vari Vol. I, pag. 202). Il-Pollock (Law of Torts, page 357) jistabilixxi l-istess principju fid-Dritt Ingliz:- "We have to assume that the standard of duty is not the foresight and caution which this or that particular man is capable of, but <u>the foresight and caution of a prudent man</u>"* (ara f'dan is-sens **Giovanni u Emily konjugi Vella vs Michael Cilia** deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fit-23 ta' Gunju, 2004 – enfazi mizjuda).

Illi huwa "*obbligu ta' kull persuna li jkun qed jizviluppa s-sit tieghu, <u>li jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha opportuni</u> (inkluz, jekk ikun mehtieg, it-tqieghed ta' waterproofing mal-hajt divizorju) biex*

> *jigi evitat hsara lill-fond tal-gar. F'dan il-kaz, jirrizulta, fil-fatt, li s-socjeta' konvenuta ma hadet ebda prekawzjoni biex tara li ma tigrix hsara lill-katusa. Kien se jaghmlu sistema' gdida ta' katusa, u kwindi ma tawx kaz il-qadima, pero' hallieha hemm!*" (**Brian Valenzia noe. v. Carmelo Penza noe.** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Mejju, 2002).

Illi mill-aspett fattwali tal-kaz jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubbju li:

1. Illi l-attur sofra danni konsistenti mit-tixrib tal-materjal u ghamara fil-hanut tieghu u dana kif jirrizulta ampjament mir-ritratti ezebiti a fol. 9-20 tal-process.

2. Illi tali tixrib sehh minhabba ilma u drenagg (kif jixhdu r-ritratti 4, 5, 6 annessi mar-rapport tal-perit 'ex parte' tal-atturi u r-ritratti ezebiti a fol 13 u 14 tal-process) li dahal fil-hanut minhabba zbroff li sehh fil-katusi li jservu lill-fond sovrastanti dak tal-attur.

3. Illi fit-12 t' April, 2016, l-istess Adriana Scanu in kontro-ezami ikkonfermat li hija wettqet xogholijiet konsistenti esklussivament mit-tibdil tal- kamra tal-banju taghha.

4. Illi jirrizulta wkoll inkontestat illi, min-naha tieghu l-attur stess wettaq xogholijiet fuq l-istess katusi li minnhom hareg l-ilma u li l-intimati irrifjutaw li jippartecipaw fl-istess minkejja li huwa fissrilhom il-pregudizzju li kien qed isofri bil-katusi antiki tac-caqquf. Ghalkemm jezisti disgwid dwar in-natura ta' tali xogholijiet, fejn l-intimati jikkontendu li, qabel saru x-xogholijiet mill-attur u ibnu, ix-xoffa tal-gulley "*kienet ixxaqleb ukoll ftit il-barra biex kemm-il darba jkun hemm xi sadd u jfur allura dan jizbroffa barra u mhux jinzel fil-hanut izda meta saret din l-aterazzjoni u x-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha l-katusa l-gulley saret kollha fuq gewwa ma xxaqleb fuq imkien u ressqet ukoll minn fejn kienet*

*originarjament b'hekk b'rizultat ta' hekk kemm-il darba jkun hemm xi sadd allura ser jizbroffa direttament fil-hanut*" (ara xhieda ta' Alfred Scerri datata 12 ta' April, 2016 a fol. 43 tal-process), iben l-attur stess jammetti illi "*konna biddilna l-katusa vertikali peress li bil-wear and tear bdiet taghmel l-ilma* (…) *l-gulley tal-fuhhar kien ikbar*" (ara xhieda ta' Christopher Galea datata 12 ta' April, 2016 a fol.36 tal-process). Fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax li l-intimati pruvaw iwaqqfu lill-attur milli jwettaq ix-xogholijiet jew ikkontestaw per vie legali l-istess xogholijiet sakemm l-ispiza soffriha kollha l-istess attur.

Illi minghajr ebda ombra ta' dubbju l-attur irnexxielu jipprova b'mod konklussiv kemm il-hsara sofferta minnu tramite r-ritratti ezebiti flimkien mar-rapport 'ex parte' peritali ezebit u l-ircevuti relattivi u kif ukoll in-ness kawzali bejn il-hsara minnu sofferta u l-izbroff ta' ilma mill-katusi li jservu l-fond sovrastanti proprjeta' tal-intimati. F'tali rigward huwa car allura li l-intimati huma responsabbli fil-konfront tal-atturi fil-grad li bih huma baqghu passivi quddiem il-problema evidenti li matul is-snin kien qed isofri minnha l-istess attur minhabba s-sistema tal-katusi originali. Min-naha l-ohra it-Tribunal ghandu jikkunsidra wkoll il-fatt illi l-attur stess wettaq xogholijiet f'tali katusi, jekk xejn, billi ssostitwixxa l-katusi originali tac-caqquf b'ohrajn tal-plastik.

Illi f'tali rigward ghandu jigi nutat illi, ghalkemm il-fatt li x-xogholijiet twettqu mill-attur u minn ibnu fih innfisu ma jservix sabiex jiskulpa kompletament lill-intimata mir-responsabilita' taghha fir-rigward tal-katusi li certament iservu l-fond taghha, certament ukoll li l-prudenza ordinarja da parti tal-atturi kienet tirrikjedi li, gjaladarba l-istess attur kien qed iwettaq tali xogholijiet ta' sostituzzjoni ta' katusi, huwa jaghmel ukoll, bi ftehim mal-intimati, dak kollu mehtieg sabiex jevita zbroff ta' ilma u drenagg fil-fond tieghu. Huwa car li, jekk kif xehed l-istess attur, il-katusi vertikali u li llum huma tal-plastik inbidlu minnu "*u dawk kont biddilthom jiena wara li nfurmajt lilha peress li ma stajtx nibqa' bid-drenagg mal-hajt*", l-iskop ta' tali xogholijiet ma ntlahaqx tant illi l-istess attur sofra d-danni lamentati

minnu permezz ta' din il-kawza. Min-naha taghhom l-intimati wettqu xogholijiet fil-fond taghhom ukoll minghajr ma hadu d-debiti prekawzjonijiet sabiex jevitaw hsara fil-fond sottostanti taghhom, dan meta kienu jafu ben tajjeb li s-servizzi tad-drenagg u l-ilma kienu jinsabu ghaddejjin minn tali fond sottostanti.

Ghaldaqstant it-Tribunal isib illi l-partijiet huma responsabbli b'mod ugwali ghad-danni sofferti mill-attur kif pruvati minnu permezz ta' din il-kawza.

Finalment it-Tribunal huwa konvint li, bi ftit bwona volonta' miz-zewg partijiet setghet tinsab soluzzjoni finali li, permezz taghha, seta' jigi evitat tali incident tant illi l-istess intimata issa tixhed ukoll li "*wara li grat l-istorja kont pruvajt naghmel spuction ghalija*" (fol. 46 tal-process). Hekk ukoll Jason Vella sid il-post okkupat mill-attur xehed li "*jiena naf li xi darba kont tkellimt mal-konvenuta biex isiru s-sistema l-gdida u biex isir sufun ghaliha izda dak iz-zmien dak ma sehhx u sallum ma nafx jekk saritx din il-bicca xoghol*" (fol 41 tal-process). It-Tribunal jissolecita lill-partijiet sabiex, jekk tali xogholijiet sallum ghadhom ma sarux, jekk hemm bzonn anki a spejjez li jigu sopportati b'mod ugwali bejniethom jew bejn is-sidien tal-fondi rispettivi, jitwettqu xogholijiet riparatorji skont l-arti u s-sengha sabiex jigu evitati incidenti ohra simili ghal dak mertu tal-kawza odjerna fil-futur.

Illi tenut kont tas-surreferit it-Tribunal huwa kwindi moralment konvint li l-partijiet huma responsabbli fi grad ugwali ghall-hsara sofferta mill-istess attur bejn l-erbgha (4) u l-hamsa (5) t'April tas-sena elfejn u erbatax (2014) u kwindi li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-istess attur nofs is-somma reklamata minnu.

Ghaldaqstant ghar-raguijiet kollha premessi it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimati stante l-korrezzjoni fl-isem tal-intimat kif verbalizzat fid-9 ta' Marzu, 2016, jilqa' in parte l-eccezzjoni imressqa mill-konvenuti jilqa wkoll it-talba attrici limitatament fis-somma ta' erba' mija u ghoxrin euro u erbghin centezmi (€420.40) jikkundanna

lill-intimati jhallsu l-istess somma ta' erba' mija u ghoxrin euro u erbghin centezmi (€420.40) lill-attur, imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data tas-sentenza u spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**